**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 287/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Sarah Magri)**

**Vs**

**Jordan Bonniċi**

Illum is-27 ta' Novembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jordan Bonniċi, detentur tal-karta tal-identita`Maltija bin-numru 142992(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġie akkużat talli nhar it-3 ta Frar 2019, għal ħabta tas-siegħa u dsatax il-minuta ta' filgħodu (01:19hrs) ġewwa Triq Għar Dalam, Birżebbuġia:

1. Saq il vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni.
2. Saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.
3. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-

proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mil-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ta' Jordan Bonniċi tal-15 ta' Ottubru, 2019 li wara li rat Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(3), Kap 65 artiklu 15A(1), Kap 65 Artiklu 15 B(1), illiberatu mill-akkuża numru tlieta (3) u sabitu ħati tal-akkużi numri wieħed (1), u tnejn (2) u mmultatu multa ta' €1800.00, liema multa titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €75.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Novembru 2019, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda' att ġudizzjarju ieħor, kif ukoll issospenditlu il-liċenzja tas-sewqan għal żmien 6 xhur minn nofs il-lejl u ai termini tal-Art. 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarju 65.18, ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Imponiet 3 punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant Jordan Bonniċi, ppreżentat fit-23 t'Ottubru, 2019, fejn talab lill-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn l-appellant ġie liberat mit-tielet imputazzjoni, tgħaddi sabiex tirrevokaha u tikkanċellaha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u minflok tgħaddi sabiex tilliberah mill-istess u minn kull piena konsegwenti.

Rat l-aggravji tal-appellant

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jintenta jimpunja s-sentenza appellata billi jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex jigi misjub ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan peress illi l-uniċi provi mressqa mill-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu fi tlett affidavits identiċi għal xulxin tal-pulizija li investigaw dan il-kaz fejn jigi indikat minn dawn l-ufficjali illi xammew riħa ta' xorb fuq il-persuna tieghu.  Jikkontendi inoltre illi lanqas ma tressqet prova dwar l-identita' tiegħu u lanqas tal-vettura minnu misjuqa f'dik l-ghodwa u cioe' jekk din kenitx l-istess whada indikata fl-akkuza.

Illi dwar dan l-aħħar ilment jirrizulta kemm mill-affidavits ta PC1405 Gerada, kif ukoll ta' PC1411 Buttigieg u PS1042 Caruana illi l-vettura li giet imwaqqfa minnhom fl-ghodwa tat-03 ta' Frar 2019, kienet dik tal-ghamla FIAT bin-numru ta' registrazzjoni BBX585 li kienet misjuqa mill-appellant fejn anke ittiehditlu n-numru tal-karta ta'l-identita', li taqbel ma' dik indikata fl-akkuza. Dawn id-dettalji jemergu ukoll mill-*PIRS report* ipprezentat mill-Prosekuzzjoni li jinsab a fol.11 tal-process. Illi matul is-smiegħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant fl-ebda hin ma kkontesta l-fatt li ma kienx hu l-persuna mwaqqfa mill-pulizija u li ma kienx hu l-persuna li kien qed isuq il-vettura ndikata fl-akkuza. Lanqas ma jindenja ruhu jaghmel kontro-ezami tal-ufficjali tal-pulizija li waqqfuh f'dik l-ghodwa ghalkemm jilmenta illi l-affidavits minnhom ipprezentati huma identici. Illi allura dan l-ilment imqanqal mill-appellant certament ma jisthoqqlux akkoljiment u dan meta ghaliex meta rinfaccjat b'dawn il-fatti probatorji huwa ma jikkontestahomx u lanqas iressaq xi prova sal-grad tal-probabbli li jistghu igieghlu lil din il-Qorti u lill-Ewwel Qorti qabilha tiskarta dak affermat mill-pulizija fix-xiehda taghhom.

Issa l-appellant fit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u li dwarha nstab hati, jinsab akkuzat bil-kummissjoni tar-reat imfassal fl-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65, li huwa reat ghal kollox distint minn dak marbut mar-rizultat tat-test tan-nifs liema reat huwa enkapsolat fl-artikolu 15E minn liema reat l-appellant gie illiberat. L-artikolu 15A jiddisponi illi:

**Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta'vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.**

**Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.**

Dan ifisser illi sabiex jkun hemm ir-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi mhuwiex mehtieg illi tingieb bhala prova xi test ta' nifs li jindika illi l-livell tal-alkohol huwa ghola mill-limitu mahsub fil-ligi. Huwa inutli ghall-appellant kwindi li jistrieh fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti skartat ir-rizultat tat-test tan-nifs ghaliex ma giex ikkonfermat mill-ufficjal tal-pulizija li issomministrah.

**"….. ma hux eskluz illi, anki jekk ma jigux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun sufficjenti biex iwassal il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u l-istat tieghu ta' sokor kien tali li jaffetta l-mod tas-sewqan[1].**

Illi allura meta il-pulizija li nvestigaw dan is-sinistru stradali, it-tnejn isostnu illi huma xammew riha ta' xorb alkoholiku fin-nifs tal-appellant, din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiskarta din l-affermazzjoni iktar u iktar meta ma hemm ebda prova ohra in atti li tista' tikkonvinci lil Qorti bil-kontra ghallinqas sal-grad tal-probabbli. Dan iktar u iktar ghaliex ghalkemm ir-rizultat tat-test tan-nifs ma setax iservi bhala prova sabiex tinstab htija ghat-tielet imputazzjoni ghaliex ma giex ikkonfermat bil-gurament kif inghad, madanakollu jista' xortawahda iservi bhala prova korroborativa ta' dak affermat mill-pulizija li fl-affidavit taghhom jikkonfermaw illi meta gie somministrat it-test tan-nifs fuq il-persuna tal-appellant dan issenjala l-presenza tal-alkohol fin-nifs f'livell oghla min-norma.

Illi fuq kollox:

**"Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-**

[1] Emfazi tal-Qorit.

**kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku." In oltre "..ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx. Biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C."[2]**

Dan maghdud, madanakollu, jirrizulta mill-atti u cioe' minn dak dikjarat mill-pulizija li investigaw dan il-kaz u wkoll mill-*PIRS report,* illi l-appellant gie imwaqqaf mill-pulizija waqt *roadblock* u mhux ghax gie osservat isuq b'manjiera perikoluza jew traskurata jew inkella ghaliex kien involut f'xi incident tat-traffiku. Dak allura li kellha tipprova il-Prosekuzzjoni sabiex tinstab htija ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet kien illi l-kapacita' fizika u/jew mentali tal-appellant giet f'xi hin imdghajjfa jew imnaqqsa kif imfassal fit-tifsira moghtija fl-artikolu 15A hawn fuq iccitat. Illi allura ghal fini tas-sejbien ta' htija ghal dawn iz-zewg reati mhuwiex sufficjenti li l-pulizija ighidu li xammew xi riha ta' xorb fin-nifs tas-sewwieq, izda l-prova hija wahda aktar oneruza u cioe' jrid necessarjament jirrizulta illi is-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni isuq, haga li certament f'dan il-kaz ma tirrizultax mill-atti. Dan ghaliex ma hemmx indikat minn dawn l-ufficjali tal-pulizija illi l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq ma kenitx normali jew li l-komportament jew ir-riflessi tieghu kienu b'xi mod mdghajjfa u li allura huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba f'dak ix-xorb.

Illi allura ghalkemm l-appellant ma ghandux ragun ghar-rigward tal-ilment minnu ventilat dwar l-identita' tieghu jew tal-vettura tieghu u ukoll dwar in-nuqqas ta' prova dwar il-fatt illi kellu riha ta' alkohol fin-nifs, madanakollu huwa minnu dak minnu lmentat illi l-akkuzi ma gewx ippruvati u dan ghaliex

[2] Pulizija vs Marlon Montebello deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar il-9 ta' Frar 2001 u ppreseduta mill-Imħallef Emeritus Vincent Degaetano.

bil-fatt wahdu illi l-pulizija xammew riha ta' xorb fin-nifs tieghu, il-Qorti ma tistax tinferixxi b'daqshekk biss illi r-reati lilu addebitati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet jissussistu u dan ghaliex ma hemmx prova illi l-kapacita' tal-appellant li jsuq kienet ghal xi hin mnaqqsa u li konsegwentement kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod traskurat jew negligenti. Din il-prova ma saritx mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabitu hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kwindi tghaddi biex tilliberah minn kull htija u piena.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur